

INŻOMMU L-WEĠĦDA TAGĦNA MIEGĦEK!





INŻOMMU L-WEGĦDA TAGĦNA MIEGĦEK!

Il-Kummissjoni von der Leyen ilha mill-2019 taħdem qatigħ biex tappoġġa liż-żgħażaġħ madwar l-UE biex tgħinhom jirnexxu. Intom il-mexxejja u l-kontributuri tal-futur tas-soċjetà tagħna!

Billi noffrulek opportunitajiet għall-edukazzjoni, l-impjieg u l-mobbiltà, irridu nagħtu s-setgħa LILEK biex issawwar il-futur tiegħek u tagħmel lill-Ewropa aktar inklużiva, prospera u sostenibbli.

IKSEB L-GĦARFIEN ESPERT



NIKSBU L-AĦJAR

Iż-[Żona Ewropea tal-Edukazzjoni](#) tneħħi l-ostakli bejn il-pajjiżi tal-UE, sabiex inti tkun tista' tisfrutta l-aħjar edukazzjoni u taħriġ madwar l-Ewropa kollha. Dejjem qed [naħdmu biex](#) nagħmlu l-Ewropa aktar inklużiva, diġitali u ekoloġika, sabiex ikun jista' jkollok esperjenzi barra minn pajjiżek biex titgħallim u titħarreġ — u tiltaqa' ma' studenti oħra waqt li tkun qed tesperjenza dan kollu!

ERASMUS+

Issa huwa aktar inklużiv, diġitali u ekoloġiku — u aqta' xiex? Kważi rdoppjajna l-baġit għall-[Erasmus+](#) 2021–2027. Dan ifisser li miljuni aktar minnkom tistgħu tagħmlu studju fil-livell universitarju, taħriġ vokazzjonali jew skambji taż-żgħażaġh barra minn pajjiżkom. U iva, l-għalliema jistgħu jieħdu sehem ukoll!

Introduċejna wkoll [il-Kard Ewropea tal-Istudenti](#) diġitali biex il-vjaġġ tiegħek ta' student isir wieħed aktar faċli u biex ikollok aċċess aktar faċli għas-servizzi tal-kampus.



L-IVJAĠĠAR U L-ESPLORAZZJONI TAL-EWROPA

Għenna lill-universitajiet madwar l-UE jiffurmaw [alleanzi](#) Universitarji Ewropej biex jistabbilixxu kampusijiet interuniversitarji. Qed naħdmu wkoll magħhom fuq [lawrja Ewropea](#) sabiex tkun tista' tiċċaqilaq faċilment bejn universitajiet f'pajjiżi Ewropej differenti.

Bis-saħħa ta' [DiscoverEU](#), aktar minn 250 000 persuna li għandhom 18-il sena, kellihom l-opportunità li jivvjaġġaw bil-ferrovija madwar l-Ewropa u jesperjenzaw id-diversità u l-wirt kulturali rikk tagħha.



SIB POSTOK FID-DINJA

NAGĦTU OPPORTUNITÀ LIL KUL#ADD

Jekk għandek inqas minn 30 sena u ssib ruħek mingħajr impjieg jew għadek kif temmejt l-iskola, il-[Garanzija imsaħħa għaż-Żgħażaġħ](#) tal-UE tappoġġak.

Għandek tiġi offrut impjieg, aktar edukazzjoni u taħriġ, jew apprendistat jew traineeship, dan kollu fi żmien 4 xhur minn meta ma jkollokx impjieg jew tkun temmejt l-iskola.

Nixtiequ wkoll li jkollok impjegi li huma importanti. Pereżempju, fl-2023, 45 % tal-elettriku tal-UE ġie minn sorsi rinnovabbli, u dan ħoloq eluf ta' opportunitajiet ta' xogħol għalik fis-setturi tal-enerġija ekoloġika.



KUL#ADD INKLUŻ

Ingħaqadna flimkien ma' aktar minn 2 500 persuna b'diżabilità biex inniedu [karta tad-diżabilità ġdida fl-UE kollha](#). L-ivvjaġġar b'diżabilità madwar l-UE sar aktar faċli!

Adottajna wkoll [Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ](#), biex niproteġu aħjar id-drittijiet tal-komunità LGBTIQ u niżguraw li tkun tista' tħossok tajjeb/tajba tkun fejn tkun fl-UE.

APPRENDISTATI U TRAINEESHIPS

L-[Alleanza Ewropea għall-Apprendistati](#) qed taħdem biex toffri aktar apprendistati u apprendistati aħjar madwar l-Ewropa kollha (u anke lil hinn minnha).

Għadna kemm ipproponejna wkoll [Qafas ta' Kwalità Msaħħa](#) biex jittejbu l-kundizzjonijiet tat-traineeships, filwaqt li jiġu żgurati paga ġusta u inklużività għall-gruppi vulnerabbli.



SUĊĊESS



NIEĦDU ʔSIEBEK U TAL-GʔEZIEʔ TIEGʔEK

Il-kanċer jikkaġuna miljuni ta' mwiet, inkluʔ fiʔ-ʔgʔaʔaʔgʔ, iʔda 40 % tal-kaʔijiet jistgʔu jiġu evitati. Filwaqt li t-trattament qed jitjeb u aktar u aktar nies qed ifiqu mill-kanċer, irridu ntejb u l-prevenzjoni, l-iskrinjar u l-aċċess gʔat-trattament bil-Pjan tal-UE biex [Jingʔeleb il-Kanċer](#).


Naʔdmu qatigʔ biex intejbu l-ʔajja tal-pazjenti u ta' daw k li fiequ mill-kanċer, filwaqt li nlaqqgʔu flimkien iʔ-ʔgʔaʔaʔgʔ li fiequ mill-kanċer madwar l-Ewropa biex jaqsmu l-istejjer u l-isfidi tagʔhom.

Bil-kampanja [#UnitedinProtection](#), irridu nuru kif azzjonijiet ʔgʔar, bʔat-tilqim, gʔandhom impatti enormi. Tinkwetax: It-tilqim fl-UE huwa sikur, mit-tilqima kontra l-influenza sat-tilqima tal-HPV.

IS-SAʔĤA MENTALI

Is-saʔĤa mentali hija importanti daqskemm huwa importanti l-eʔerċizzju jew li tiekol b'mod tajjeb gʔas-saʔĤa.

Aʔna nieʔdu s-saʔĤa mentali [bis-serjetà](#), billi niffukaw fuq iʔ-ʔgʔaʔaʔgʔ u nneʔĤu l-istigma assoċjata mas-saʔĤa mentali. Minʔhabba li tant affarijiet — minn fejn tgʔix sal-impjeg tiegʔek — gʔandhom impatt fuq il-benesseri mentali, qed niʔguraw li nagʔtu prijorità lis-saʔĤa mentali meta nagʔmlu politiki ġodda jew nipproponu liġijiet ġodda.



L-ISTAMPA ĠENERALI

Is-saʔĤa mʔijjex biss personali; tissawwar mill-ambjent tagʔna. Huwa gʔalhekk li ʔdmna ʔafna biex nillimitaw il-[mikroplastiċi](#) u [t-tniġġis akustiku](#), u biex nipprojbixxu [sustanzi kimiċi dannuʔi](#) u li [jikkawʔaw il-kanċer](#) — inʔommuk aktar f'saʔĤtek filwaqt li nieʔdu ʔsieb il-pjaneta.

NIEĦDU #SIEB ID-DINJA

LIĠI GĦALL-#AJJA

L-għan tal-UE huwa li tkun newtrali — b'emissjonijiet żero netti għall-klima — sal-2050. Dan sar uffiċjali bil-[Liġi dwar il-Klima](#). Diġà qed nagħmlu pass kbir biex [innaqqsu l-emissjonijiet sal-2030](#).



NA#SBU KIF NAGĦMLU L-AFFARIJET B'MOD DIFFERENTI

Il-mod ta' kif nieħdu #sieb tal-pjaneta tagħna jeħtieġ reviżjoni sħiħa ta' kif nagħmlu l-affarijiet.

Aħna introduċejna pjan biex [il-moda ssir aktar ekoloġika](#) u rażżanna l-greenwashing, biex ma tkunx żvijat li tixtri tibdila “ekoloġika” meta ma jkunx il-każ.

Aħna għamilna pressjoni wkoll biex inti jkollok id-dritt li ssewwi l-affarijiet, u jsir aktar faċli u irħas li ssewwi oġġett minflok tarmih. L-għan huwa prodotti durabbli u li jistgħu jissewwew u li titwarrab darba għal dejjem il-kultura fejn kollox jintrema.

U ladarba qegħdin fuq is-suġġett, l-UE [pprojbixxiet il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss](#) milli jitqiegħdu fis-swieq tal-pajjiżi tal-UE meta jkunu disponibbli alternattivi sostenibbli u affordabbli.

GĦANDEK IL-POTER

Qed naqilbu għal enerġija nadifa u [nużaw inqas enerġija](#). Nieħdu nifs aħjar, peress li nafu li l-arja hija aktar nadifa u qed nieħdu #sieb il-pjaneta.



IPPLAGGJAT(A)

KULĦADD GĦAJNEJH FUQ L-IA (INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI)

L-IA hija affaxxinanti, iżda ħadd ma jrid li jintilef il-kontroll tagħha. Ma nħobbux niftaħru, iżda [l-Att tal-UE dwar l-IA](#) huwa l-ewwel qafas legali fid-dinja li jiżgura li s-sistemi tal-IA ma jiksru id-drittijiet tal-bniedem, is-sikurezza jew il-prinċipji etiċi.



IL-PJATTAFORMI L-KBAR

L-istess jgħodd għall-pjattaformi online il-kbar. [L-Att dwar is-Servizzi Diġitali tal-UE](#) jiżgura li dawn il-pjattaformi jitrattaw is-siti tagħhom b'mod responsabbli, inkluż l-indirizzar tal-impatt mentali u fiżiku fuq l-utenti.

Issa għandek issibha faċli li tirrapporta l-bullying ċibernetiku jew kwalunkwe kontenut dubbjuż. Barra minn hekk, ir-regoli jipproteġuk mill-aħbarijiet foloz u jiżguraw li tkun tista' ssemma' leĥnek.



AĠĠORNAMENTI

Qed niddiġitalizzaw ħajtek b'affarijiet bħall-[Kartieri tal-Identità Diġitali](#) għal kontrolli tal-identità u tixrid tad-dokumenti online sikuri. Barra minn hekk, insa l-kaos taċ-ċarġers: sa tmiem l-2024, it-telefowns, it-tablets u l-kameras ġodda kollha mibjugħa fl-UE se jużaw [USB-C](#) komuni. Aħna deĥlin ukoll [f'dinjiet virtwali](#), nagħtu spinta lill-ħiliet għall-kreaturi u nniedu diskussjonijiet magħkom dwar kif [it-tfal u l-adulti](#) [zgħażaġh jinżammu sikuri online](#).

DINJA FIL-PAĊI

INTERKONNESSI

Huwa aktar importanti minn qatt qabel li kulħadd jiġbed ħabel wieħed.

Bis-saħħa tal-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ u l-Programm tal-UE għall-Edukazzjoni u s-Sensibilizzazzjoni għall-Iżvilupp, miljuni fostkom diġà huma involuti fl-indirizzar ta' kwistjonijiet globali ma' sħabkom.



FEJN QED JIĠRI DAN

Jekk għandek bejn 18 u 35 sena, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, huwa l-biljett tiegħek għall-volontarjat, l-internships, ix-xogħol jew is-sħubija fi proġetti lokali li jagħmlu differenza. Dan l-aħħar **żidna** l-ammonti tal-għotjiet biex niġġieldu kontra l-inflazzjoni u niżguraw li l-proġetti tiegħek xorta jiksbu finanzjament.

Tista' tapplika wkoll biex tingħaqad **mal-Bordijiet ta' Konsultazzjoni taż-Żgħażaġħ**. Dawn il-bordijiet huma gruppi ta' żgħażaġh li jagħtuna pariri dwar il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u r-responsabbilizzazzjoni meta naġixxu fid-dinja.

NGĦINU LILL-UKRAJNA

Mill-ewwel jum tal-invażjoni, l-UE appoġġat bis-sħiħ lill-Ukraina, u m'aħniex se nieqfu.

Bħalissa, qed nagħtu spazju sikur lil aktar minn 4 miljun refuġjat Ukren, bid-**dritt** li jistudjaw, jaħdmu u jgħixu fl-UE. Grazzi kbira lilkom iż-żgħażaġh talli għentu lill-Ukreni jħossuhom f'pajjiżhom permezz tal-**proġetti** tagħkom Erasmus+ u tal-Korp Ewropej ta' Solidarjetà!

Aħna tajna fondi addizzjonali lill-Erasmus+ biex ngħinu lill-istudenti Ukreni jħossuhom komdi fl-ambjenti ġodda ta' tagħlim tagħhom madwar l-UE kollha.

Nedejna wkoll il-**Pjattaforma għall-Edukazzjoni fl-Iskejjel**, fejn il-pajjiżi tal-UE jistgħu jaqsmu suġġerimenti dwar l-akkoljenza ta' refuġjati żgħażaġh Ukreni fl-iskejjel tagħhom.



IL-LVANT NOFSANI

Qed ningħaqdu mas-sħab lokali u dinjija, in-Nazzjonijiet Uniti, u l-NGOs biex inżidu t-twassil tal-ġajjnuna umanitarja lil Gaża b'kull mod li nistgħu — bl-art, bl-ajru u bil-baħar. Aħna nkompnu nipromwovu l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u paċi dejjiema, waħda li tirrispetta l-idea li żewġ stati jgħixu maġenb xulxin; dan kollu f'konformità ma' dak li ġie stabbilit min-NU.



IL-MOD TIEGĦEK KIF *TIPPARTEĊIPA*



AMPLIFIKAZZJONI TAL-VUĊI TIEGĦEK

L-UE ddedikat sena sħiħa għalik: L-2022 kienet [is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ](#) u biddlet għal dejjem il-mod kif iż-żgħażaġh jipparteċipaw fit-tfassil tal-politika tal-UE.

Żgurajna li issa inti aktar involut(a) minn qatt qabel fil-proċessi demokratiċi tal-UE. Meta nfasslu l-politiki tal-UE, se napplikaw “kontroll taż-żgħażaġh” biex niżguraw li jitqies l-impatt tagħhom fuqkom. Barra minn hekk, issa tista' tipparteċipa fi [djalogi ta' politika](#) ta' livell għoli u titkellem direttament mal-Kummissarji Ewropej.

L-UE għandha wkoll [strateġija għaż-żgħażaġh](#). Imfassla miegħek u għalik, din hija pjan li jstabbilixxi kif l-UE — flimkien mal-awtoritajiet Ewropej mil-livelli lokali u nazzjonali — se jaħdmu flimkien biex jagħtuk is-setgħa biex tieħu sehem fis-soċjetà demokratika. Aħna, flimkien ma' persuni oħra li jieħdu d-deċiżjonijiet, niċċekkjaw regolarment miegħek permezz ta' attivitajiet ta' [Djalogu maż-Żgħażaġħ](#).

Qed niżguraw ukoll li inti tkun rappreżentat f'avvenimenti demokratiċi parteċipattivi: terz tal-parteċipanti fil-ġenerazzjoni l-ġdida [tal-Panels taċ-Ċittadini Ewropej](#) u [fil-Konferenza tal-2021–2022 dwar il-Futur tal-Ewropa](#) huma żgħażaġh magħżula b'mod aleatorju mis-27 Stat Membru kollha. Mhux magħżul(a)? Tinkwetax: il-[Pjattaforma għall-Involvement taċ-Ċittadini](#) hija miftuħa u qed tistenna l-kontribut tiegħek!



NEVITAW IL-QERQ

Tinduna faċilment x'inhi l-verità? L-UE tgħinek tirrikonoxxi l-aħbarijiet foloz u d-diżinformazzjoni u tgħinek twieġeb għalihom billi tuża l-informazzjoni leġittima u l-mezzi tax-xandir.

Qed niżguraw ukoll li l-pjattaformi online jieħdu bis-serjetà it-trażżin tad-diżinformazzjoni — inwaqqfu l-gideb li jkattar il-mibegħda u l-konfużjoni — u nappoġġaw lill-verifikaturi tal-fatti bħall-[Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali](#).

L-Osservatorju huwa network massiv madwar l-Ewropa li jikkonsisti minn riċerkaturi akkademiċi, verifikaturi tal-fatti u promoturi tal-media li jingħaqdu flimkien biex jidentifikaw u jeliminaw id-diżinformazzjoni. Dawn qegħdin fuq missjoni biex jesponu l-aħbarijiet foloz, u jgħinuna nżommu l-ideat tagħna ċari u nwarribu l-mibegħda.

KONT IMĦABBAT/IMĦABBTA

Il-[Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ](#) u l-[Avveniment Ewropew taż-Żgħażaġħ](#) jiġbru eluf ta' żgħażaġh minn madwar l-Ewropa għal taħditiet ewlenin dwar il-futur. Il-[festivals tad-demokrazija](#) tagħna se jagħtuk l-opportunità li titkellem direttament ma' esperti u uffiċjali.

L-inizjattiva tal-[Ambaxxaturi Żgħażaġħ Ewropej](#) hija network li jgħaqqdek ma' pari minn pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali.

Il-[Premju tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għall-Istiele Promettenti](#) jappoġġa l-ideat il-kbar tiegħek għal spazji ta' għajxien moderni u sostenibbli. Din hija l-opportunità tiegħek biex turi l-viżjoni tiegħek għal dinja aktar ekoloġika u aktar inklużiva.

SKOPRI AKTAR:

Rokna tat-tagħlim
Biex tifhem aħjar l-UE

Il-Kummissjoni Ewropea
Kuntatt: COMM-A2@ec.europa.eu
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024
© L-Unjoni Ewropea, 2024 (CC by 4.0)



Illustrazzjonijiet: © Adobe Stock

PDF: ISBN 978-92-68-16314-6 doi:10.2775/624958 NA-05-24-369-MT-N

